MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 51/2014

Appell Nru: 51/2014

Il-Pulizja

(Maggur Josephine Gauci)

Vs

John Azzopardi

Illum 23 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 466438M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-12 ta' Novembru, 2012 ghall-habta tal-01:30hrs ġewwa Triq Tigne', Sliema:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaġuna lil martu Mary Stella Azzopardi biza' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali;
2. Hebb ghal-martu Mary Stella Azzopardi u kkagunalha ferita hafifa hekk kif iċċertifikat it-Tabib Monica Camilleri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill imputat John Azzopardi hati tat-tieni akkuża kif dedotta kontra tieghu u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fiz-zmien sentejn millum, taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre, il-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni a favur Mary Stella Azzopardi ghal-perjodu ta' sentejn millum a tenur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti illiberat lill-imputat ghar-rigward tal-ewwel akkuża.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnhu pprezentat fl-14 ta' Frar, 2014, li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu ma sabitx lill-esponenti hati tal-ewwel akkuża, tirrevokaha inkwantu sabithu hati tat-tieni akkuża u minflok tilliberah minn kwalunkwe mputazzjoni u htija.

In linea sussidjarja u f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma s-sejbien ta' htija fl-imputat ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-esponent jitlob bir-rispett lil dinl-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha timmodifika l-ordni ta' protezzjoni u l-ordni ta' probation imposti bis-sentenza appellata, u dan fis-sens li t-terminu taz-zmien ta' din l-ordni ta' protezzjoni u l-ordni ta' probation jiġu ridotti ghall-minimu tenut

kont tal-fatti tal-kaz kif sottolineati f'dan l-appell u kif serjrin jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma is-segwenti u cioe':-

1. L-ewwel aggravju jinsab fil-fatt illi l-imputat inghata sentenza minghajr ma inghata smiegh xieraq u minghajr ma gew rispettati r-regoli proċedurali l-aktar bażiċi. Dana peress illi fl-ahhar seduta u cioe' dik tat-3 ta' Frar, 2014 il-Pulizija Ezekuttiva thalliet itella' bhala xhud taghha it-Tabiba Monica Camilleri u dan meta l-Pulizija kienet diga' ghalqet il-provi taghha fis-seduta preċedenti. Hekk kif dan il-fatt gie a konjizzjoni tad-difensur tal-imputat huwa tramite l-konsulent legali tieghu mall-ewwel ġibed l-attenzjoni tal-Magistrat sedenti ghal dan il-fatt billi dik ix-xhieda ma kellhiex tittiehed in kunsiderazzjoni, iżda l-Ewwel Qorti injorat dan il-fatt u la sfilzat dik ix-xhieda u lanqas ghamlet ebda riferenza ghal dan l-akkadut fil-verbal tas-seduta. Jigi sottomess illi minghajr ix-xhieda tat-Tabiba Monica Camilleri c-certifikat mediku ppreżentat f'din il-kawza ma kienx ikun ġuramentat u ma kien ikollu ebda piz probatorju. Il-prosekuzzjoni kienet fid-dmir li ġġib l-ahjar prova u li dan taghmlu fil-hin opportun u ċertament mhux wara li tkun diga' ghalqet il-provi taghha. Certament li fl-istadju tal-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni thallieg iġġib provi meta kienet diga' ghalqet il-kaz taghha ippregudika serjament id-difiza tal-esponent u jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata;
2. Illi fit-tieni lok l-Ewwel Qorti ma kelliex biżżejjed provi quddiemha biex tasal ghall-prova li trid il-ligi fil-kamp kriminali – u cioe' prova in mankanza ta' dubju ragjonevoli (proof beyond resonable doubt). Il-pulizija li xehdet f'dawn il-proceduri rreferiet ghal tilwim iżda ma xehditx dwar prova ta' xi swat. Inoltre c-certifikat mediku li gie eżebit ma jipprovax li dak it-tbengil ikkawzah l-imputat. Dan aktar u aktar meta wiehed iqis illimeta xehdet mart l-imputat hija tkellmet dwar ghajjat u tilwim li kellhom bejniethom iżda fl-ebda hin ma qalet li l-imputat ikkawzalha griehi jew tbenġila. Kwindi c-certifikat medku wahdu, u x-xheida tat-tabiba wahedha, ma setghux iwasslu ghall-kundanna ta' htija dwar it-tieni akkuża billi l-ahjar prova – u cioe' x-xhieda tal-parti leza – ma kkonfermatx l-elementi ta' dik l-akkuza. Effettivament ix-xhieda ta' Estelle Azzopardi kienet indirizzata biss lejn l-ewwel akkuża (li minnha l-akkuzat gie liberat) u ma qalet xejn li seta' b' xi mod jincidi fuq l-elementi tat-tieni akkuża. Fid-dawl ta' dan kollu jrid jinghad

ukoll illi huwa suspttuz hafna kif ic-certifikat mediku ppreżentat mill-prosekuzzjoni gie ppreżentat hafna żmien wara l-akkadut u fil-fatt il-pulizija li xehdet qalet li l-Pulizija Ezekuttia ma kelliex fil-pussess taghha xi ċertifikat mediku b'referenza ghall-allegati griehi ta' Mary Stella Azzopardi. Dan ic-certifikat misterjozament gie ppreżentat fis-seduta ta' wara wara li nġab minn Mary Stella Azzopardi, li jkompli juri kif il-Pulizija ma kellha ebda ċertifikat mediku f'idejha bejn l-2012 u l-ahhar tas-sena 2013. Fl-affidavit taghha WPS215 Valerie Farrugia tghid li Estelle Azzopardi gabitilha certifikat mediku tat-tabiba Monica Camilleri izda rrizulta li l-Pulizija fil-fatt ma kellha ebda certifikat f'idejha. Jekk tassew inghata xi certifikat lill-Pulizija wiehed ghandu jifhem li l-Pulizija kellu jkollha c-certifikat originali f'idejha izda ohrog il-ghageb ic-certifikat orginali hareg wara sena u ma giex prodott mill-Pulizija izda mill-parti allegatament leza. Dan kollu jitfa' dubju serju dwar kemm hija veraci l-verzjoni ta' mart l-imputat. Tant hu hekk li l-akkuza orginarjament migjuba kontra l-imputat kienet biss l-ewwel wahda; jigifieri wara li sar ir-rapport u wara li l-Pulizija tkellmet ma' mart l-imputat l-uniku akkuza li ngabet konra l-imputat kienet l-ewwel wahda (u minnha gie liberat) u kien biss wara madwar sena li giet mizjuda t-tieni akkuza wara li mart l-akkuzat misterjozament harget bit-tezi li kellha certifikat mediku fil-pussess taghha. Inoltre filwaqt li l-akkuza titkellem minn allegati griehi li l-appellant allegatament ikkawza lil martu, ic-certifikat mediku jitkellem minn tbengil u t-tabiba xehdet li dak li hija ccertifikat bhala tbengil ma jikklassifikax ruhu bhala girehi. Kwindi mill-gdid il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova t-tieni akkuza kif migjuba;

3. Illi l-appellant jillanja ukoll mill-fatt illi l-akkuza kontra tieghu giet emednata fis-sens illi zdiedet it-tieni akkuza wara hafna zmien u cioe' madwar kwazi sena li kienu bdew il-proceduri, u wara li l-prosekuzzjoni hadet diversi seduti ghall-gbir tal-provi taghha. L-appellant gie serjament ippregudikat b'din iz-zieda billi t-tieni akkuza kienet aktar gravi mill-ewwel wahda, u dan hu car anke mill-piena li l-ligi tippreskrivi ghaz-zewg artikoli. Terga' l-imputat gie notifikat biz-zieda fl-awla stess u mhux bil-metodi soliti. L-appellant jillanja illi dan mhux il-mod kif ghandhom jitmexxew il-proceduri u d-difiza tieghu giet serjament menomata billi wara li l-prosekuzzjoni hadet diversi seduti biex gabet il-provi dwar l-ewwel akkuza, li minnha l-appellant gie liberat, f'daqqa wahda waqt is-seduta stess ziedet akkuza aktar gravi li biddlet n-natura tal-akkuzi kompletament u mbghad il-proces mexa b'heffa liema bhala. Jigi sottomess ukoll illi din ma kienitx procedura idonea u t-tieni akkuza ma setghetx tiddahhal. Lanqas fil-kaz ta' att ta' akkuza ma tista' ssir emenda li tirrendi n-natura tar-reat aktar gravi (ara art. 597(1) tal-Kap 9) ahseb u ara f'dan il-kaz.
4. Illi fl-ahhar nett l-appellant jillanja illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti, anke jekk kellu jigi misjub hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu, certament l-ordni ta' protezzjoni u ordni ta' probation ghal-

> zmien sentejn hija eccessiva u jkun opportun li z-zmien taghha jigi mnaqqs u f'dan ir-rigward l-appellant jissottometti li se mai kellu jinghata l-minimu u cioe' perjodu ta' sena ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446. Dan anke in vista tal-fatt li t-tilwima bejn il-partijiet inqalghet billi kienet mart l-imputat li qalghet il-glieda b'ghajjat u b'agir fiziku fejn sahansitra haditlu l-pussess tas-safe. L-imputat jinnot b'dispjacir pero' illi minkejja li huwa rrelata dan il-fatt lill-Pulizija ebda passi ma ttiehdu kontra martu ghall-agir taghha f'dik l-okkazjoni;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi Maria Stella Azzopardi mart l-appellant irrappurtat l-ghassa ta' Tas-Sliema illi fit-tnax (12) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012) ghal habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (1.30 a.m.) gewwa r-residenza taghhom f'Tigne, bl-imgieba tieghu ikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew il-proprjetà taghha u wkoll illi hebb ghal martu u ikkagunalha ferita hafifa u b'sentenza tat-tlieta (3) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti illiberat lill-appellant fuq l-ewwel akkuza izda sabitu hati fuq it-tieni akkuza u illiberatu bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn minn dakinhar tas-sentenza taht is-sorveljanza ta' ufficcjal tal-probation ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre harget ordni ta' protezzjoni favur Maria Stella Azzopardi.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell bl-ewwel aggravju illi l-appellant ilmenta li ma nghatax smigh xieraq u ma gewx rispettati r-regoli procedurali l-aktar bazici. Dan il ghaliex il-pulizija ezekuttiva tellghet bhala xhud lil Dottor Monica Camilleri meta l-istess Prosekuzzjoni kienet iddikjarat illi ghalqet il-provi taghha fis-seduta precedenti. Fit-tieni lok, l-ewwel Qorti ma kellhiex provi bizzejjed biex twassal ghal dak il-grad ta' prova fil-kamp kriminali ghall-htija dwar it-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel ilment, il-Qorti rat il-kopji tal-verbali esebiti wara r-rikors tal-appellant tal-20 ta’ Gunju, 2014 fejn jirrizulta illi fis-seduta tal-11 ta’ Novembru, 2013, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet il-provi taghha u thalliet ghat-3 ta’ Frar, 2014 ghal-provi tad-difiza. Dakinhar xehdet Dr. Monica Camilleri M.D. u l-Prosekuzzjoni regghet iddikjarat li ma kelliex izjed provi u d-difiza ddikjarat li minn naha taghha ma kelliex provi xi ttellgha u l-kawza giet deciza.

Fir-rikors taghha tal-20 ta’ Gunju, 2014, id-difiza qalet li oggezzjonat ghax-xhieda ta’ Dr. Monica Camilleri izda din ma gietx registrata fil-verbal tat-3 ta’ Frar, 2014. Fil-fatt, il-verbal ma jghid xejn minn dan u ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkontrolla l-veracita’ ta’ din id-dikjarazzjoni. Pero’, anke jekk dan kien minnu, l-Qorti ma laqghetx din l-oggezzjoni ghax awtorizzat ix-xhieda ta’ Dr. Camilleri. Dan, il-Qorti tista’ taghmlu peress li ghall ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, tista’ tawtorizza s-smiegh tax-xhieda fi kwalunkwe stadju anke wara d-dikjarazzjoni tal-gheluq. Naturalment, kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. F’dan il-kaz, il-Qorti deherilha li x-xhieda ta’ Dr. Camilleri kellha tinstema, anke fl-istadju li din inghatat u din il-Qorti ma tara xejn censurabbli f’dan l-operat. Id-difiza kellha kull opportunita’ li tikkontrolla din ix-xhiea u b’hekk il-principji ta’ gustizzja naturali gew rispettati.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti kellha l-opportunità illi tisma’ lil Maria Stella Azzopardi li ghandha l-isfortuna illi tkun il-mara tal-appellant. Dina xhedet illi dan l-ahhar saret taf illi l-appellant ibaghti minn kondizzjoni maghrufa bhala bipolar fejn ghal ragunijiet ta’ xejn jaqbad u jerfa’ idejh fuqha u jkun agressiv u vjolenti maghha. Dakinhar fit-tnax (12) ta’ Novembru tal-elfejn u tnax (2012) l-appellant ghal raguni ta’ xejn beda jaghti bil-ponn

fuq rasha. Veru illi kellhom argument fuq is-safe li huwa proprjetà personali tal-parti leza però dan ma kienx jiggustifika lill-appellant jinfexx f'din il-vjolenza kontra taghha. Dottor Monica Camilleri xhedet fejn gharfet ic-certifikat mediku mahrug u ikkonfermat illi l-parti leza sofriet feriti ta' natura hafifa. Il-probation officer Mary Rose Farrugia xhedet illi hija bdiet issegwi lill-appellant fuq ordni ta' probation wara episodji ta' vjolenza domestika. Illum l-appellant qieghed taht il-kura tal-psikjatra George Debono fejn ikkonkluda illi l-appellant ibaghti minn bipolar disorder. Il-probation officer xhedet illi quddiemha l-appellant juza kliem dispregjattiv u aggressiv fil-konfront ta' martu u t-tfal jirrakkontaw tfulija infelici hafna ma' missierhom. Dottor Debono ordna medikazzjoni però l-appellant ma johodhiex. Mill-home visits irrizultalha illi l-appellant huwa persuna b'karattru dominanti, supperv, u jrid jikkmanda hu biss.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi din il-Qorti innutat id-dahka cinika fuq wicc l-appellant meta kienet qieghda tixhed martu Maria Stella Azzopardi u tirrakkonta bl-aktar mod grafiku l-incident serju illi gara bejniethom fit-tnax (12) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012), kif ukoll incidenti ohra ta' vjolenza domestika illi kellha tissubixxi tul iz-zmien kollu li damet tghix mal-appellant. Ix-xhieda taghha hija konfermata u kollaborata mill-probation officer Mary Rose Farrugia li bil-pacenzja kollha qieghda tipprova issegwi lill-appellant u twettaq l-ordni ta' probation moghtija mill-Qorti. Però din il-Qorti tirrealizza li bl-attitudni tieghu l-appellant mhuwiex qieghed jghin u jekk ma jiehux il-medikazzjoni moghtija mit-tabib psikjatra tieghu dan zgur se jibqa' jidhol f'aktar estremi ta' bipolar disorder a detriment ta' martu, uliedu u n-nies kollha ta' madwaru.

L-ewwel Qorti gharfet sew is-sitwazzjoni tal-appellant u bhal din il-Qorti uriet l-istmerrija taghha versu l-attitudni negattiva, aggressiva u vjolenti illi ghandu lejn martu izda madankollu iddecidiet illi timponi ordni ta' probation flok xi piena ohra. Izda l-appellant irid jirrealizza illi jekk jibqa' sejjer b'din il-hajja u attitudni l-Qorti mhiex se tkun aktar hanina mieghu u tasal biex tikkundannah ghal xi perjodu prigunerija.

Izda f'dan il-kaz din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet liberament u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi l-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Michael Mallia

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------